



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Diċembru 2008 (22.12)  
(OR. en)**

**17172/08**

<b>COPOL</b>	<b>97</b>
<b>CONOP</b>	<b>101</b>
<b>CODUN</b>	<b>60</b>
<b>RECH</b>	<b>421</b>
<b>JAI</b>	<b>711</b>
<b>EDUC</b>	<b>289</b>
<b>MI</b>	<b>558</b>
<b>UD</b>	<b>238</b>
<b>IND</b>	<b>234</b>

**NOTA TA' TIFSIR**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u linji ta' azzjoni ġodda mill-Unjoni Ewropea fil- ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom

---

Id-delegazzjonijiet isibu annessi t-testijiet li ġejjin wara li ġew endorsjati mill-Kunsill (KAĠRE) tat-8-9 ta' Diċembru 2008:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar linji ta' azzjoni ġodda mill-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom;
- Linji ta' azzjoni ġodda mill-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill  
kif endorsjati mill-Kunsill fit-8-9 ta' Diċembru 2008**

Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni attiva tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Armi ta' qerda massiva (AQM) adottata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2003.

Il-Kunsill jissottolinja l-utilità tal-isforzi li qed isiru biex titqies ulterjorment l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija permezz ta' azzjoni b'miri ċari. Huwa għalhekk jendorsja d-dokument "Linji ġodda ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' qerda massiva u s-sistema tal-kunsinja tagħhom" li jidentifika r-riżultati li ġejjin:

- dokument ta' evalwazzjoni aġġornat dwar ir-riskju u t-theddid;
- mudelli ta' sensibilizzazzjoni għall-intrapriżi, iċ-ċrieki xjentifiċi u akkademiċi, u l-istituzzjonijiet finanzjarji;
- intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex dawn ikunu meġġuna jtejbu l-politiki tagħhom tan-nonproliferazzjoni u l-kontrolli tal-esportazzjonijiet;
- miżuri li jikkumbattu t-trasferimenti mhux tanġibbli tal-għarfien u tal-ħila teknika, inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'termini ta' viġilanza konsulari;
- intensifikazzjoni tal-isforzi bil-għan li jiġu ostakolati l-flussi ta' proliferazzjoni u jiġu ssanzjonati
- l-atti ta' proliferazzjoni; intensifikazzjoni tal-isforzi fil-ġlieda kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni;
- intensifikazzjoni tal-koordinazzjoni / kollaborazzjoni ma', u l-kontribuzzjoni għall-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti.

Il-Kunsill jistieden lill-formazzjonijiet u korpi kompetenti tal-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-Istati Membri, biex jagħtu segwitu konkret lil dan id-dokument bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu sal-aħħar tal-2010.

**LINJI TA' AZZJONI ĠODDA MILL-UNJONI EWROPEA  
FIL-ĠLIEDA KONTRA  
L-PROLIFERAZZJONI TAL-ARMĠ TA' QERDA MASSIVA  
U S-SISTEMI TA' KUNSINNA TAGĦHOM**

**INTRODUZZJONI**

Illum il-ġurnata, il-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom huma ta' theddida saħansitra akbar għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej milli fiż-żmien meta ġiet adottata l-Istrateġija Ewropea kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva.

Il-proliferazzjoni ta' armi nukleari, bijoloġiċi u kimiċi kif ukoll ta' missili ballistiċi u kruċieri tibqa' theddida kbira. L-impatt destabbilizzanti tal-proliferazzjoni fuq is-sigurtà internazzjonali huwa intensifikat mill-fatt li attwalment din il-proliferazzjoni qed tiżvilupp b'mod mill-aktar rapidu f'żoni ta' tensjoni (il-Lvant Nofsani u l-Asja), li qed ikollu effett kemm fuq iż-żieda ta' tensjonijiet bħal dawn, kif ukoll, fuq perijodu fit-tul, u qed iżżid ir-riskju li armi bħal dawn fil-fatt jintużaw. Minkejja l-miżuri adottati fil-qasam ta' nonproliferazzjoni, l-aċċellerazzjoni tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni tista' tiffaċilita d-disseminazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi ta' AQM. Żviluppi bħal dawn huma riżultat mhux biss tar-rieda min-naħa ta' ċerti stati, imma wkoll ta' inizjattivi meħudin minn netwerks privati u illegali. Ma' dan jista' jiżdied ir-riskju emerġenti li armi bħal dawn jistgħu jkunu żviluppatti u użati mit-terroristi.

Il-fatt li l-armi ta' qerda massiva jistgħu jkunu f'idejn stati problematiċi jew terroristi/atturi mhux tal-istat huwa wieħed mill-akbar sfidi għas-sigurtà li l-Ewropej jistgħu jkollhom qatt jiffaċċjaw. Irridu nagħtu l-oġġla prijorità lill-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej u l-ħbieb u l-alleati tagħna kontra r-riskju eżistenti u li qed jikber ippreżentat mill-proliferazzjoni ta' armi bħal dawn.

Bil-għan li l-miżuri ta' nonproliferazzjoni jkunu effettivi, iridu jkunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

- tiżiħ tar-reġim ta' nonproliferazzjoni permezz tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattati u l-ftehimiet internazzjonali rilevanti;
- azzjoni determinata biex jissolvew il-kriżijiet ta' proliferazzjoni u tkun żgurata l-implimentazzjoni tar-risoluzzjonijiet tal-KSNU;
- kooperazzjoni operattiva determinata fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni li timpedixxi t-trasferimenti sensitivi u tiġġieled in-netwerks illegali.

a)

L-istrategġija Ewropea tal-2003 u l-prinċipji li jiddeterminaw l-azzjoni tal-UE (il-multilateraliżmu effettiv, il-prevenzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali) għadhom rilevanti ħafna u jridu jkomplu jkunu applikati. Dawn jgħinuna wkoll fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 li tibqa' pass importanti għall-komunità internazzjonali fil-qasam ta' nonproliferazzjoni. Madanakollu, fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi ġodda, iridu jkunu identifikati linji ta' azzjoni oħrajn ma' dawk li kienu implimentati s'issa b'tali mod li jiżdiedu l-effettività u l-impatt tal-approċċ tal-UE u biex dan isir saħansitra aktar operattiv.

#### **L-objettivi tagħna huma kif ġej:**

- **Li jogħla l-profil tal-miżuri ta' nonproliferazzjoni** fl-UE billi din il-kwistjoni fundamentali ta' sigurta' tingħata prijorità trasversali fl-UE u fil-politiki tal-Istati Membri fir-rigward tal-aspetti kollha tal-azzjoni biex ikun trattat dan il-fenomeni;
- **Li tkun identifikata l-aħjar Prattika eżistenti** bil-ħsieb li **tkun imħeġġa l-firxa ta' din il-prattika** fil-livell tal-politiki nazzjonali tal-Istati Membri;

- **Li jkunu mħeġġin koordinazzjoni aħjar u mobilizzazzjoni mill-aħjar** tal-politiki nazzjonali tal-Istati Membri u tal-għodod u l-politiki eżitenti tal-UE, waqt li jkunu rispettati bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Komunita' f'dawn l-oqsma;
- **Li jkunu identifikati oqsma fejn l-azzjoni tal-UE jeħtieġ li tizzied.**

**Ir-riżultati prinċipali tal-pjan ta' azzjoni** jistgħu jkunu mqassra kif ġejj:

- Dokument aggnat tal-evalwazzjoni tar-riskju u t-theddid;
- Mudelli għas-sensibilizzazzjoni tal-intrapriżi, iċ-ċrieki xjentifiċi u akkademiċi, u l-istituzzjonijiet finanzjarji;
- Intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex ikunu mgħejjuna jtejjbu l-politiki tagħhom ta' nonproliferazzjoni u l-kontrolli tal-esportazzjoni;
- Miżuri li jiġġieldu t-trasferimenti mhux tanġibbli tal-għarfien u tal-ħila teknika, inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'termini ta' vigianza konsulari;
- Intensifikazzjoni tal-isforzi li jimpedixxu l-flussi tal-proliferazzjoni u jissanzjonaw l-atti ta' proliferazzjoni;
- Intensifikazzjoni tal-isforzi li jiġġieldu l-finanzjament tal-proliferazzjoni;
- Intensifikazzjoni tal-koordinazzjoni/kollaborazzjoni ma', u l-kontribuzzjoni għall-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti.

Il-pjan li ġej li jidentifika linji ta' azzjoni ġodda flimkien ma' dawk li diġà huma implimentati, hu mfassal abbażi tal-eżitu tas-seminar dwar in-nonproliferazzjoni organizzat mill-Presidenza Franċiża f'Pariġi fil-15 u s-16 ta' Lulju 2008.

Għandu jkun innutat li, waqt li l-attivitajiet ta' nonproliferazzjoni jiffurmaw parti essenzjali mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, ċerti tipi ta' miżuri jistgħu jkunu implimentati fil-qafas ta' politiki u strumenti oħrajn tal-UE li jistgħu jikkontribwixxu għall-istess għan (inklużi politiki Komunitarji u strumenti speċifiċi bħall-Istrument għall-Istabbiltà). Fiż-żewġ każijiet, il-poteri u l-awtorità tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, kif stabbiliti mit-Trattati, għandhom naturalment ikunu rispettati u jintużaw l-istrumenti adatti.

L-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2007 li jindirizzaw ir-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN) u dwar it-tnejnija kontra t-theddid bijoloġiku ser tikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-linji ta' azzjoni l-ġodda u l-ħidma li ssegwi.

L-adozzjoni ta' dan il-pjan mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni ser tipprovdi lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-Istati Membri u lill-konfigurazzjonijiet l-oħrajn tal-Kunsill gwida dwar kif jaħdmu b'sinerġija fl-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar l-AQM.

Strumenti finanzjarji varji bħall-Istrument tal-Istabbiltà jistgħu jintużaw għal ċerti proġetti, sakemm dawn ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom u l-fondi jkunu disponibbli.

Huwa mifhum li kull azzjoni jew miżura msemmija f'dan id-dokument ser tkun valutata, diskussa, u formalizzata mill-korpi kompetenti tal-Kunsill skont il-proċedura rilevanti u b'rispett sħiħ għall-kompetenzi Komunitarji u tal-Istati Membri.

Ser ikun meħtieġ koordinament mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex ikunu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji bejn l-attivitajiet u l-azzjonijiet attwali u futuri.

## WERREJ

### I. GĦARFIEN U ANTIĊIPAZZJONI

- Tfassil ta' dokument tal-evalwazzjoni tar-riskju u t-theddid
- Ibbenefikar minn netwerk ta' "think-tanks" indipendenti Ewropej għan-nonproliferazzjoni

### II. PREVENZJONI

#### (a) Żieda fil-miżuri li jiġġieldu t-trasferimenti mhux tanġibbli tal-għarfien u l-ħila teknika

- Protezzjoni tal-assi xjentifiċi u tekniċi
- Kooperazzjoni f'termini ta' viġilanza konsulari
- Żieda fl-isforzi għas-sensibilizzazzjoni fiċ-ċrieki xjentifiċi u akkademiċi
- Adozzjoni tal-kodiccijiet ta' kondotta professjonali

#### (b) Żieda fl-isforzi li jiġġieldu t-trasferimenti tanġibbli tat-teknoloġija, il-merkanzija u t- tagħmir

- Titjib tal-proċeduri nazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni
- Sforzi akbar għas-sensibilizzazzjoni fost l-intrapriżi

#### (c) Azzjoni preventiva u punitiva kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni

- Tisħiħ tal-istrumenti konsultattivi u internazzjonali
- Sensibilizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tisħiħ tal-makkinarju li jiġġield il-finanzjament tal-proliferazzjoni
- Titjib fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet finanzjarji, f'konformità mal-obligazzjonijiet internazzjonali li jqumu, b'mod partikolari, mir-risoluzzjonijiet tal-KSNU

### **III. IMPEDIMENT U WAQFIEN**

(a) **Żieda fl-isforzi li jiġġieldu t-traffikar tas-sustanzi tas-CBRN u tisħiħ tas-sistemi li jinterċettaw il-flussi tal-proliferazzjoni**

- Interċezzjoni tal-fluss tal-proliferazzjoni
- Appoġġ għat-tisħiħ tal-istrumenti internazzjonali u multilaterali li jimpedixxu l-flussi tal-proliferazzjoni

(b) **Tnedija mill-ġdid tad-diskussjoni Ewropea dwar azzjoni punittiva kontra l-proliferazzjoni**

- Tisħiħ tal-mezzi legali li jiġġieldu l-atti ta' proliferazzjoni
- Qbil fuq livell Ewropew sabiex l-esportazzjoni illegali, is-senserija u l-kuntrabandu tal-armi u l-materjali tal-qerda massiva jkunu soġġetti għal sanzjonijiet kriminali

### **IV. KOOPERAZZJONI U APPOĠĠ**

- Definizzjoni aktar sistematika ta' żoni ġeografiċi u oqsma ta' prijorità għall-kooperazzjoni teknika
- Aktar għajjnuna u kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM
- Tisħiħ tal-persjoni diplomatika permezz ta' użu aħjar tal-klawsola tal-AQM

### **V. KOORDINAZZJONI**

- Ħolqien ta' kors ta' taħriġ ta' livell għoli għal uffiċjali Ewropej li jitrattaw il-proliferazzjoni
- Titjib tal-koordinazzjoni tal-atturi u r-riżorsi kollha tal-UE
- Profil ogħla għall-miżuri tal-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom



## VI. QAFAS TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI

### I. Għarfien u antiċipazzjoni

#### 1. Tfassil tad-dokument tal-evalwazzjoni tar-riskju u t-theddid

Bil-għan li l-azzjoni tal-UE tkun immirata u kalibrata aħjar, is-SITCEN għandu jfassal **dokument speċifiku** għall-evalwazzjoni tat-tendenzi, ir-riskji u t-theddid fir-rigward tal-proliferazzjoni, inkluż it-theddida tal-aċċess tat-terroristi għall-AQM, li għandu jkun aġġornat kull sena.

Dokument bħal dan, prodott mis-SITCEN abbażi ta' tipi varji ta' informazzjoni, għandu:

- jinkludi analisi aġġornata tar-riskji u t-theddid: stampa ġenerali tat-tendenzi fil-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom, u l-istatus tal-programmi tal-proliferazzjoni tal-NBC u programmi fir-rigward tal-missili fil-kuntest tal-kriżijiet tal-proliferazzjoni;
- ikun supplimentat minn studji xjentifiċi, u b'mod partikolari:
  - \* mappa speċifika tan-netwerks tal-proliferazzjoni u l-ħtiġiet tal-akkwist għall-programmi tal-proliferazzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni nukleari u ballistiċi;
  - \* fatturi determinanti fl-oqsma xjentifiċi, teknoloġiċi ("technological lock-ups") u industrijali;
  - \* studju li jstabbilixxi l-profil u l-modus operandi tat-trasport illegali tal-materjal tal-proliferazzjoni minn operatori involuti fi flussi bħal dawn bl-ajru, bil-baħar, fuq l-art, bil-ferrovija...) li jkun jidentifika l-entitajiet li jistgħu jakkwistaw merkanzija tal-proliferazzjoni;
  - \* evalwazzjoni taż-żoni ġeografiki ta' prijorità u oqsma għall-assistenza tal-UE u miżuri ta' kooperazzjoni fir-rigward tan-nonproliferazzjoni;
  - \* studju dwar il-proliferazzjoni tal-metodi u n-netwerks tal-finanzjament, aġġornati kif meħtieġ;

- Jista' jintuża fil-korpi kompetenti tal-Kunsill li huma responsabbli għall-elaborazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjoni li trid tittieħed fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tal-proliferazzjoni, li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kunsill skont il-każ.

Il-livell tas-suċċess ta' din il-missjoni ser jiddependi fuq l-ammont ta' informazzjoni u l-kontribut analitiku mogħti mill-Istati Membri lis-SITCEN. Il-Kummissjoni u korpi/aġenziji rilevanti tal-UE (EUROPOL, EUROJUST, FRONTEX) jassoċjaw ruħhom kompletament ma' dan li ssemma hawn fuq.

## **2. Ibbenefikar minn netwerk ta' "think-tanks" indipendenti Ewropej għan-nonproliferazzjoni**

L-azzjoni tal-UE biex tiġġieled il-proliferazzjoni tista' tibbenefika mill-appoġġ ipprovdut **minn netwerk għan-nonproliferazzjoni nongovernattiv**, li jlaqqa' lil istituzzjonijiet ta' politika estera u ċentri ta' riċerka li jispeċjalizzaw fl-oqsma strateġiċi tal-UE waqt li jibni fuq networks utli li diġà jeżistu. Netwerk bħal dan jista' jkun estiż għal istituzzjonijiet f'pajjiżi terzi li magħhom l-UE qed twettaq djalogi speċifiċi b'rabta man-nonproliferazzjoni.

Dan in-netwerk ta' "think tanks" indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni għandu jimmira li jinkoraġixxi d-djalogu politiku u dak relatat mas-sigurtà u d-diskussjoni fuq perijodu fit-tul dwar miżuri li jiġġieldu l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom fis-soċjetajiet ċivili, u b'mod aktar partikolari fost l-esperti, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi. Huwa ser jikkostitwixxi pass 'il quddiem siewi fl-azzjoni ta' nonproliferazzjoni mill-UE u l-komunità internazzjonali.

In-netwerk jista' jkun ippresedut mir-rappreżentant personali tas-SĠ/RĠ għan-nonproliferazzjoni, f'konformità mal-linji gwida definiti fil-qafas ta' Ċentru għall-AQM fir-rigward tal-miżuri ta' nonproliferazzjoni. Il-CODUN /CONOP ser ikunu jistgħu jikkonsultaw in-netwerk dwar kwistjonijiet relatati man-nonproliferazzjoni u r-rappreżentanti tagħhom ser ikunu jistgħu jattendu l-laqgħat tan-netwerk. Dawn il-laqgħat jistgħu jkunu organizzati wara dawn il-gruppi ta' ħidma.

Laqgħa li tiġbor it-think tanks indipendenti kollha tista' ssir fi Brussell, jew x'imkien ieħor fl-UE, kull sentejn u tippreżenta rapport/rakkomandazzjonijiet lir-rappreżentant personali tas-SĠ/RĠh għan-nonproliferazzjoni.

Il-possibbiltajiet u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja jridu jiġu eżaminati.

## **II. Prevenzjoni**

### **A. Żieda fil-miżuri li jiġġieldu t-trasferimenti mhux tanġibbli tal-għarfien u l-ħila teknika**

#### **1. Protezzjoni tal-assi xjentifiċi u tekniċi**

Waqt li wieħed iżomm f'moħħu l-ħtieġa li ssir viġilanza u li jkun impedit tagħlim speċjalizzat jew taħriġ f'dixxiplini li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi ta' proliferazzjoni ta' pajjiżi sensitivi, is-superviżjoni tal-aċċess ta' ċittadini barranin għal stabbilimenti tar-riċerka, għall-korpi jew l-istituzzjonijiet impenjati fattivitajiet xjentifiċi ta' natura sensitiva huwa strument essenzjali fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni. L-objettiv tagħna huwa t-tisħiħ tal-effiċjenza tal-Istati Membri f'dak ir-rigward permezz tal-identifikazzjoni ta' oqsma ta' interess komuni, skambju ta' informazzjoni dwar Prattiki Attwali u azzjonijiet possibbli li jistgħu jittieħdu flimkien.

1. Abbażi ta' dokument tal-evalwazzjoni tar-riskju u t-theddid, il-Kunsill jista' jadotta pożizzjoni komuni, b'attenzjoni partikolari għal lista ta' oqsma ta' kooperazzjoni xjentifika.
2. Abbażi ta' hekk, il-gruppi ta' ħidma kompetenti ser ikunu mistiednin
  - jiskambjaw l-aħjar Prattika f'dan ir-rigward, li għandu jgħin fl-identifikazzjoni ta' proċeduri possibbli;
  - jeżaminaw azzjonijiet li jistgħu jittieħdu flimkien biex tiżdied l-effiċjenza tagħna f'dan il-qasam.

## 2. Kooperazzjoni f'termini ta' viġilanza konsulari

L-Istati Membri jistgħu jkunu inkoraġġiti jistabbilixxu **proċedura ta' viġilanza konsulari**, jew biex isaħħu din il-proċedura fejn diġà teżisti, bil-ħsieb li jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-aċċess ta' ċittadini barranin għat-territorju tagħhom b'kont meħud tal-konklużjonijiet tad-dokument tal-evalwazzjoni tar-riskju u t-theddid imsemmi qabel. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li joħroġu għandhom jiġu sensibilizzati aktar dwar il-problemi marbutin mal-miżuri ta' nonproliferazzjoni.

F'konformità mat-trattati li jistabbilixxu l-UE, l-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE u/jew entitajiet oħrajn, jistgħu jabbozzaw proposta bil-ħsieb ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Kunsill/ l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill **li tistabbilixxi kooperazzjoni Ewropea dwar il-viġilanza konsulari**.

Dan id-dokument jista' **jtenni l-prinċipji** tal-viġilanza konsulari (il-ħtieġa ta' prevenzjoni ta' flussi ta' proliferazzjoni mhux tanġibbli f'konformità mal-impenji meħudin mill-Istati Membri marbutin mal-mekkaniżmi varji użati mill-fornituri, waqt li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' kooperazzjoni akkademika mhux sensitiva) u **jipprevedi miżuri ta' koordinazzjoni Ewropej speċifiċi**, u b'mod partikolari:

- **L-objettiv tan-notifika reċiproka taċ-ċaħdiet tal-viżi** ġġustifikata mir-riskju ta' proliferazzjoni f'postijiet konsulari f'pajjiżi sensitivi;
- **eżami ta' kif dan l-objettiv jista' jittieħed fil-kont**, u l-konsiderazzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa. Fil-kuntest tal-introduzzjoni li ġejja tas-SIS II, tista' tingħata wkoll konsiderazzjoni lill-modalitajiet li għandhom jippermettu l-inklużjoni fil-kategoriji ta' allert adatti fis-SIS ta' persuni involuti fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni;
- Tista' tingħata konsiderazzjoni lill-ħolqien ta' mekkaniżmu legali li jipprevedi l-konsultazzjoni tas-SIS fil-każ ta' viżi għal perijodu fit-tul.

### 3. **Żieda fl-isforzi għas-sensibilizzazzjoni fiċ-ċrieki xjentifiċi u akkademiċi**

Jeħtieġ li ċ-ċrieki akkademiċi u xjentifiċi jiġu informati aħjar dwar kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni inġenerali u dwar ir-riskji potenzjali relatati mal-attivitajiet tagħhom. Aħna lkoll naqblu li hemm il-ħtieġa li jogħla l-livell medju tal-għarfien f'dan ir-rigward. Azzjonijiet possibbli jistgħu jinkludu:

- skambji mtejba bejn universitajiet, laboratorji, u awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Workshops jew seminars organizzati mill-Istati Membri jew korpi rilevanti tal-UE jistgħu jkunu utli f'dan ir-rigward. L-objettiv tagħhom jista' jkun l-iskambju tal-aħjar Prattika.
- diskussjonijiet fi gruppi rilevanti tal-UE dwar inizzjattivi li jistgħu jittieħdu bħalma huma: l-identifikazzjoni ta' dixxiplini u kwistjonijiet ta' tħassib speċjali; il-ħolqien ta' "ċentri ta' sensibilizzazzjoni" fl-universitajiet li jistgħu jinkludu informazzjoni standard u persunal imħarreġ, punti ta' kuntatt dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u nonproliferazzjoni fl-universitajiet eċċ.

### 4. **Adozzjoni tal-kodiċijiet ta' kondotta professjonali**

Il-kodiċijiet ta' kondotta professjonali għax-xjenzjati jistgħu jkunu ssupplimentati. L-għan huwa li titqajjem kuxjenza li xogħol leġittimu jista' jkollu applikazzjonijiet dupliċi tal-użu.

- Wara li ssir lista tal-kodiċijiet kollha ta' kondotta professjonali għax-xjenzjati fl-Istati Membri tal-UE li jappellaw għal astensjoni mill-attivitajiet li huma konfliġġenti mal-objettivi ta' nonproliferazzjoni u
- wara li jsir sommarju tal-eżitu tal-proċedimenti li saru fid-diversi korpi rilevanti,
- għandhom jiġu identifikati l-attivitajiet sabiex iħeġġu l-adozzjoni (pereżempju mill-istituzzjonijiet edukattivi) ta' kodiċijiet ta' kondotta professjonali għax-xjenzjati fl-UE u sabiex jipromwovu l-adozzjoni ta' tali kodiċijiet minn Stati terzi.

**B. Żieda tal-isforzi sabiex jiġġieldu t-trasferimenti tanġibbli ta' teknoloġija, oġġetti u tagħmir**

**1. Titjib tal-proċeduri nazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni**

Il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju u sensitivi hu rregolat mir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 kif emendat. Bil-għan li jikkumplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-KAĠRE f'Ottubru 2004 u waqt li jibnu fuqhom, (wara reviżjoni tal-pari fost l-Istati Membri), u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u b'mod partikolari għad-dritt tagħhom li jagħtu liċenzja tal-esportazzjoni, il-miżuri li ġejjin jistgħu jkunu mħeġġa, f'konformità mar-Regolament fis-seħħ f'dak iż-żmien, sabiex ikunu ottimizzati l-proċeduri nazzjonali ta' implimentazzjoni:

- taħriġ regolari u fil-fond tal-awtoritajiet tal-kontroll dwar il-karatteristiċi tekniċi tal-merkanzija kkontrollata;
- il-konsiderazzjoni tat-titjib ta' miżuri ta' infurzar (bħal: kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri, koordinazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji, użu aħjar tal-grupp ta' esperti maħtur fl-2004, appoġġ għat-tnedija ta' sistema sikura li tippermetti l-kondiviżjoni fuq l-internet ta' informazzjoni dwar iċ-ċaħdiet ta' esportazzjoni, senserija u transitu);
- l-analiżi tas-SITCEN ippreżentata lill-korpi tal-Kunsill ser tintbagħat ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali li huma inkarigati mill-kontrolli tal-esportazzjoni sabiex tingħatalhom firxa wiesgħa ta' informazzjoni.

Bil-għan li jissaħħa it-titjib tal-proċeduri nazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni u l-kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tar-Regolament jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri, jikkunsidraw il-miżuri li ġejjin:

- it-tfassil ta' gwidi ta' Prattika tajba dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, f'konformità mar-Regolament;
- l-appoġġ ta' skambju ta' esperjenza rilevanti sabiex tizzied il-kapaċità tal-Istati Membri fil-kontrolli tal-esportazzjoni;
- il-kontribut għall-identifikazzjoni tal-komponenti ta' korsijiet ta' taħriġ f'qafas li jrid ikun definit, b'kont meħud ta' priyoritajiet oħrajn tal-UE;
- l-eżami tekniku ta' proposti ta' aġġustamenti tal-listi tal-kontroll tal-esportazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament.

## 2. Sforzi akbar għas-sensibilizzazzjoni fost l-intrapriżi

**L-Istati Membri** huma mħeġġa jagħmlu sforzi akbar ta' **sensibilizzazzjoni fost l-intrapriżi**. B'mod partikolari, għandhom ikunu mħeġġa l-miżuri li ġejjin:

- Waqt li jiġu kkunsidrati l-aħjar prattiki tal-UE, ser isiru sforzi aktar sistematiċi ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-operaturi ekonomiċi li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jkunu sensitivi mill-aspett tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom, bi sforzi partikolari fil-livell tal-federazzjonijiet professjonali, b'mod partikolari billi jiġu mħeġġa kuntatti regolari formali u informali bejn dawk l-operaturi u l-amministrazzjonijiet ikkonċernati;
- Il-produzzjoni ta' dokumenti nazzjonali ta' informazzjoni/ it-titjib tas-siti tal-internet nazzjonali li jispjegaw il-qafas legiſlattiv u l-pieni għaċ-ċirkomvenzjoni tal-proċeduri.

Fuq **livell Ewropew** jistgħu jiġu kkunsidrati l-miżuri li ġejjin:

- sensibilizzazzjoni fl-UE: l-organizzazzjoni ta' seminars fil-livell tal-UE, b'mod partikolari ma' federazzjonijiet professjonali;
- produzzjoni ta' dokumenti ta' informazzjoni standard li jispjegaw il-qafas legiſlattiv applikabbli;
- skambju ta' esperjenza li tikkonċerna l-mekkaniżmi introdotti.

### C. Azzjoni preventiva u punitiva kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni

Il-programmi tal-proliferazzjoni jistgħu jeħtieġu finanzjament konsiderevoli minħabba l-investment u x-xiri meħtieġa. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-finanzjament tal-proliferazzjoni, li għandu jkun impedit u kkastigat.

## 1. Tisħiħ tal-istrumenti konsultattivi u internazzjonali

- L-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu l-isforzi tagħhom fit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u jikkunsidraw ir-regoli u l-prattiki internazzjonali li jistgħu jiġu adottati jekk u meta meħtieġa sabiex jiġġieldu l-finanzjament tal-proliferazzjoni. L-Istati Membri jħeġġu lill-FATF sabiex jieħu l-miżuri adatti li jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-membri kollha tal-UE fil-FATF.
- Il-kwistjoni tal-ġlieda kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni ser titqajjem b'mod aktar sistematiku f'taħditiet ma' pajjiżi terzi, bil-għan li jingħata appoġġ għall-isforzi internazzjonali sabiex jiġi miġġieled il-finanzjament tal-proliferazzjoni.

## 2. Sensibilizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tisħiħ tal-makkinarju li jiġġieled il-finanzjament tal-proliferazzjoni

Waqf li t-tisħiħ tal-istrumenti internazzjonali għadu pendenti u f'konformità mal-approċċ deskritt fil-punt 1;

L-Istati Membri huma mħeġġa sabiex:

- jagħmlu sforzi speċjali ta' sensibilizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex mhux biss jimpedixxu l-finanzjament tal-attivitatiet tal-proliferazzjoni iżda wkoll jipproteġu l-banek tagħna mill-intenzjonijiet malizzjużi tal-proliferaturi;
- itejbu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-awtoritajiet ta' superviżjoni finanzjarja u jinkoraġġixxu t-trasmissjoni, fejn meħtieġ, ta' informazzjoni rilevanti għall-eżerċizzju tal-viġilanza finanzjarja;

Il-Kummissjoni tista' tanalizza l-għażliet possibbli għall-promozzjoni tal-viġilanza tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni fid-dawl tal-progress fil-ħidma tal-FATF.



**3. Titjib tal-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji, f'konformità ma' obbligi legali internazzjonali li jirriżultaw b'mod partikolari minn riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU)**

Il-korpi u l-gruppi ta' ħidma responsabbli tal-Kunsill ser iħeġġu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' Prattika tajba fir-rigward tal-ġlieda kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni u l-konformità mal-obbligi internazzjonali. Għal dan il-għan, mingħajr ma jirdoppja x-xogħol tal-FATF, il-Kunsill jista':

- jitlob lill-Istati Membri sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-esperjenza fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet finanzjarji minn mindu kienu adottati r-riżoluzzjonijiet dwar l-Iran u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK), b'mod partikolari l-identifikazzjoni tad-diffikultajiet li ltaqa' magħhom is-settur bankarju u t-titjib li jista' jsir u b'kont meħud tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet inġenerali bbażati fuq ir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU;
- jirrevedi, fil-formazzjoni tas-sanzjonijiet tal-Kunsillieri tar-Relex, il-prattiki tajbin eżistenti għas-sanzjonijiet u jaġġornahom kif jixraq waqt li jikkunsidra l-ħidma mwettqa;

### **III. Impediment u waqfien**

**A. Żieda fl-isforzi li jiġġieldu t-traffikar tas-sustanzi tas-CBRN u tisħiħ tas-sistemi li jinterċettaw il-flussi tal-proliferazzjoni**

**1. Interċezzjoni tal-fluss tal-proliferazzjoni**

- L-UE ser tkompli l-isforzi tagħha sabiex issaħħaħ l-fruntieri esterni tagħha kontra t-theddida tas-CBRN.

- L-Istati Membri huma mħeġġa sabiex:

- \* iwettqu kontrolli aleatorji bl-użu ta' kriterji tar-riskju bbażati fuq proċeduri għaż-żieda ta' skambji ta' informazzjoni li jikkonċernaw entitajiet suspettati bi traffikar, li mbagħad jiġu preżentati fid-dokument tas-SITCEN;
- \* jeżaminaw il-kondizzjonijiet li bihom l-iskambju ta' informazzjoni li tikkonċerna entitajiet suspettati bi traffikar jistgħu jiżdiedu b'mod effettiv;
- \* ikomplu l-ħidmiet tad-dwana konġunti organizzati fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali (CCWP), li diġà qegħdin jitwettqu sabiex jiġġieldu l-proliferazzjoni;
- \* iniedu diskussjoni dwar kif ikunu kkoordinati aħjar il-mezzi disponibbli għall-ħidmiet ta' interdizzjoni (b'mod partikolari l-ħila esperta).

## 2. Appoġġ għat-tisħiħ tal-istrumenti internazzjonali u multilaterali li jimpedixxu l-flussi tal-proliferazzjoni

Il-Kunsill seta' jadotta konklużjonijiet li jħeġġu:

- ir-ratifika malajr kemm jista' jkun, mill-Istati Membri, tal-Protokoll tal-2005 tal-Konvenzjoni għat-Trażżin tal-Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima;
- Ladarba l-Protokoll tal-2005 jiġi ratifikat mill-Istati Membri kollha, l-elaborazzjoni ta' mekkaniżmu li jissupplimenta l-Protokoll, li bih l-Istati Membri tal-UE jkun jistgħu, sakemm dan ikun kompatibbli mal-leġislazzjoni nazzjonali, jagħtu l-kunsens reċiproku minn qabel għall-imbark f'ibħra internazzjonali ta' bastimenti suspettużi li jtajru l-bandiera tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 19 tat-Trattat UE, l-armonizzazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE f'fora internazzjonali (b'mod partikolari dwar l-inizjattiva ppreżentata fl-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)) ser tkun imfittxa b'mod aktar effettiv.

Il-parteċipazzjoni tal-UE fl-Inizjattiva tas-Sigurtà kontra l-Proliferazzjoni (PSI) ser tkun waħda mill-objettivi prinċipali sabiex l-attivitajiet tagħha jsiru aktar operattivi. Il-pajjiżi tal-UE u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE huma mistiedna jiltaqgħu fl-2009 f'format tal-Grupp ta' Esperti Operattivi Reġjonali tal-PSI sabiex jagħmlu stima tal-involvement possibli tal-UE fil-PSI.

## **B. Tnedija mill-ġdid tad-diskussjoni Ewropea dwar azzjoni punittiva kontra l-proliferazzjoni**

### **1. Tisħiħ tal-mezzi legali li jiġġieldu l-atti ta' proliferazzjoni**

L-Istati Membri huma mħeġġa jistudjaw prattiki, leġislazzjoni u regolamentazzjoni attwali relatati mal-prevenzjoni u l-ikkastigar ta' atti ta' proliferazzjoni sabiex ikunu identifikati xi nuqqasijiet. Huma mħeġġa jżidu l-effettività, il-konsistenza, il-viżibilità u n-natura deterrenti tal-miżuri tal-infurzar nazzjonali tagħhom fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tas-sistemi ta' kunsinna tagħhom.

Il-Kunsill jitlob lill-istituzzjonijiet kompetenti u lill-gruppi ta' ħidma sabiex iwettqu studju komparattiv dwar din il-kwistjoni.

### **2. Qbil fuq livell Ewropew sabiex l-esportazzjoni illegali, is-senserija u l-kuntrabandu tal-armi u l-materjali tal-qerda massiva jkunu soġġetti għal sanzjonijiet kriminali**

Bil-għan li tiġi miġġielda t-theddida tal-proliferazzjoni, il-Kunsill jista' jaqbel li **sanzjonijiet kriminali** huma pieni adatti għall-espertazzjoni illegali, is-senserija u l-kuntrabandu tal-armi u l-materjali tal-qerda massiva.

Tali deċiżjoni għandha tippermetti lill-UE li tikseb l-oġġettivi ta' nonproliferazzjoni taġġha, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2004 li ssemmi l-kunċett tal-konverġenza tas-sanzjonijiet.

#### **IV. Kooperazzjoni u appoġġ**

L-UE tintrabat li tkompli u li tintensifika l-kooperazzjoni, kif adatt, ma' donaturi oħrajn sabiex tkun żgurata l-komplimentarjetà u jkun massimizzat l-impatt.

##### **1. Definizzjoni aktar sistematika ta' żoni ġeografiċi u oqsma ta' prijorità għall-kooperazzjoni teknika**

F'kuntatt mad-dipartimenti kompetenti u b'mod partikolari abbażi tal-istudji tas-SITCEN, is-SĠK ser jipprepara dokument biennali **li jiddefinixxi l-prijoritajiet ġeografiċi** għall-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi. Dak id-dokument għandu jkun ippreżentat lil gruppi ta' ħidma kompetenti (CONOP, CODUN u l-KPS) u jiġi vvalidat minnhom. Il-Kummissjoni ser tkun assoċjata b'mod sħiħ.

Dak id-dokument ser jiddefinixxi l-kriterji magħżulin sabiex ikunu definiti l-prijoritajiet ġeografiċi tal-UE. Ser ikollha tingħata importanza lill-ħtiġiet reali għat-tiżiħ ta' miżuri li jgħiddu l-proliferazzjoni, frabta mill-qrib mal-analizzjiet magħmula mis-SITCEN.

## 2. Aktar għajnuna u kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM

- **L-UE timpenja ruħha li tkompli u tintensifika** l-azzjoni sabiex tappoġġa l-arranġament tat-trattat (azzjonijiet konġunti li ġew adottati jew li qegħdin fil-proċess li jiġu adottati sabiex jappoġġaw lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) u s-salvagwardja tas-sorsi radjuattivi), il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi, ir-Risoluzzjoni 1540, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja (pjan sabiex l-HCOC issir universali u l-appoġġ finanzjarju għall-istabbiliment ta' sistema interna u sikura tal-ipproċessar tad-data tal-HCOC), il-kodiċi ta' kondotta dwar is-sikurezza u s-sigurtà ta' sorsi radjuattivi, il-gwida dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' sorsi radjuattivi, il-ħsieb għal aktar inizjattivi diplomatiċi favur id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) u tal-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC) u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC), il-konvenzjoni emendata tal-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari u ta' kuntatti diplomatiċi, u favur il-bidu tan-negozjati dwar it-Trattat dwar il-Projbizzjoni tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (FMCT). L-UE ser tkompli wkoll tappoġġa l-Inizjattiva Globali li Tiġġieled it-Terroriżmu Nukleari (GICNT).
- **Il-promozzjoni ta' kultura ta' sigurta fil-qasam tas-CBRN**  
Il-miżuri li ġejjin għandhom jingħataw prijorità:
  - l-istabbiliment ta' ċentri reġjonali li jagħtu taħriġ fil-kultura ta' sigurtà u sikurezza dwar is-**CBRN**;
  - l-appoġġ għal miżuri tal-IAEA sabiex ikunu salvagwardati l-materjali nukleari u radjuattivi u l-installazzjonijiet nukleari;
  - approċċ ikkoordinat u kumplimentari għall-problemi ta' bijosikurezza u bijosigurtà li jiggarrantixxi ġestjoni ottimali b'mod partikolari ta' riskji u theddid bijoloġiċi;
  - oqsma oħra fejn il-promozzjoni tal-kultura ta' sigurtà tista' tkun rilevanti: **tisħiħ** tas-sistemi ta' kontroll tal-esportazzjoni bbażat fuq esperjenza eżistenti u preċedenti u fuq attivitajiet attwali ta' sensibilizzazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri ta' materjali li jistgħu jkunu użati mit-terroristi, bħal sustanzi kimiċi tossiċi u t-traffikar illeċitu u s-superviżjoni finanzjarja.

### 3. Tisħiħ tal-pressjoni diplomatika permezz ta' użu aħjar tal-klawsola tal-AQM

Bil-għan li jinkiseb l-akbar benefiċċju mill-klawsola ta' nonproliferazzjoni li hija inkorporata fil-ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi terzi mill-2003 lil hawn, il-Kunsill ta' struzzjonijiet lil-SĠK, f'kontatt mal-Kummissjoni, sabiex iħejji **dokument li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-klawsola tal-AQM**. Dak id-dokument, ippreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni:

- ser **jipproponi linji ta' azzjoni għat-titjib tal-proċess ta' negozjar** tal-klawsola (aktar informazzjoni għall-CONOP u l-CODUN, it-tħejjija ta' dokumenti li jispjegaw il-klawsola, li huma ddisinjati għal gruppi ġeografiċi u għal Stati terzi);
- ser jagħmel proposti għall-**evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dik il-klawsola minn Stati terzi**, abbażi ta' kriterji li għad iridu jiġu ddeterminati (il-konformità mat-trattati, l-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni, ir-rapport dwar il-kooperazzjoni mal-UE abbażi ta' dik il-klawsola);
- ser jippreżenta **analiżi tal-proċedura li tiskatta l-klawsola f'każ ta' nuqqas ta' konformità minn pajjiżi terzi**.

## V. Koordinazzjoni

### 1. Ħolqien ta' kors ta' taħriġ ta' livell għoli għal uffiċjali Ewropej li jittrattaw il-proliferazzjoni

Il-Kunsill jitlob lill-istituzzjonijiet u lill-gruppi ta' ħidma kompetenti sabiex jippreżentawlu proposta sal-aħħar tal-ewwel nofs tal-2009 għall-ħolqien fl-2010 ta' **kors ta' taħriġ Ewropew għal waqt is-servizz** għal uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE u tal-UE sabiex jiġġieldu l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom b'kont meħud tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kunsill.

L-għan ta' dik l-inizjattiva huwa li jitjieb il-livell ta' kompetenza xjentifika u teknika ta' dak il-persunal u sabiex tinkoraġġixxi d-disseminazzjoni ta' kultura amministrattiva Ewropea komuni għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni, f'sistema b'netwerk.

Il-korsijiet ta' taħriġ, li d-dettalji tagħhom għadhom iridu jiġu ddeterminati fid-dawl ta' mezzi eżistenti (netwerking ta' korsijiet ta' taħriġ nazzjonali eżistenti sabiex tkun proposta sessjoni Ewropea), għandhom jipprevedu:

- parti teoretika li tkopri l-aspetti li ġejjin: l-isfidi ġenerali tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni, il-preżentazzjoni ta' mekkaniżmi tal-prevenzjoni tal-proliferazzjoni (organizzazzjoni, atturi, trattati, miżuri ta' kontroll u aspetti xjentifiċi u tekniċi, f'paragun ma' prattiki Ewropej);
- parti li tikkonsisti fi żjarat f'siti ta' interess fl-Unjoni Ewropea.

Għandu jittieħed kont tal-aspetti essenzjali tas-sigurtà, b'mod partikolari dawk marbutin mal-kunfidenzjalità ta' taħriġ simili, minħabba n-natura sensittiva ta' ċerta informazzjoni li tista' tkun skambjata waqt il-kors tat-taħriġ.

## 2. Titjib tal-koordinazzjoni tal-atturi u r-riżorsi kollha tal-UE

B'mod partikolari, huma rakkomandati l-miżuri li ġejjin:

- **it-tisħiħ tar-rwol taċ-Ċentru dwar l-AQM**, bl-introduzzjoni tal-prattika ta' laqgħat, flimkien mal-laqgħat CONOP/CODUN, **fejn aktar modalitajiet ser ikunu diskussi u mħejjija bil-ħsieb li jissaħħaħ ir-rwol taċ-Ċentru;**
- il-ħidma sabiex tinkiseb koordinazzjoni akbar tal-politiki u l-istrumenti kollha li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni u b'mod partikolari l-miżuri deskritti f'dan id-dokument, b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Istati Membri **u tal-Komunità** f'dawk l-oqsma;
- **titjib tar-rwol tas-SITCEN fl-analiżi tal-proliferazzjoni**
  - \* iż-żieda fil-parteċipazzjoni tas-SITCEN sabiex tkun tista' tippreżenta l-analiżijiet tagħha fi gruppi ta' ħidma kompetenti u fil-KPS,
  - \* il-possibbiltà li jkunu previsti preżentazzjonijiet okkażjonali fil-fora kompetenti tal-Kunsill fil-kuntest ta' kriżijiet tal-proliferazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri eżistenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet;
- in-nomina ta' **punt ta' kuntatt fil-Ministeri tal-Affarijiet Barranin u l-istituzzjonijiet responsabbli Ewropej għall-implimentazzjoni tal-linji ta' azzjoni ġodda**, possibbilment ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-gruppi ta' ħidma tal-CONOP u l-CODUN. Dawk il-korrispondenti ser ikunu msieħba ppreferuti tad-diskussjoni għall-istituzzjonijiet Ewropej u r-rappreżentant personali tal-SĠ/RĠ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni. Dawn il-korrispondenti ser jikkoordinaw mal-korrispondenti għan-nonproliferazzjoni f'ministeri oħrajn u ma' korpi nazzjonali kompetenti u b'mod partikolari ser iqajmu kuxjenza dwar problemi li qed jiġu ttrattati fil-qasam tal-kompetenzi tagħhom. Lista aġġornata ta' korrispondenti ser tkun annessa mar-rapport ta' nofs is-sena tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar l-AQM.



### **3. Profil ogħla għall-miżuri tal-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom**

F'kooperazzjoni mad-dipartimenti rilevanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-kontribut tas-SĠK fir-rapport ta' nofs is-sena dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ser ikun anness li jiġbor flimkien il-miżuri kollha li ttieħdu mill-UE b'appoġġ għall-oġettivi tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni. Dak id-dokument ser jagħti ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet konġunti u l-programmi ta' assistenza tal-Komunità.

#### **QAFAS TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI**

Il-Kunsill għandu l-għan li jikseb l-oġettivi ta' dan il-pjan sal-2010.

Sa tmiem l-ewwel nofs tal-2009, is-SĠK ser ifassal dokument speċifiku dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija u b'mod partikolari ta' dan il-pjan li jidentifika linji ġodda għall-azzjoni, li ser jiġu ppreżentati lill-Kunsill. Il-Kummissjoni ser tkun assoċjata b'mod sħiħ.